DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE, Euratom) 2019/2209

tas-16 ta' Diċembru 2019

li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 240(3) tiegħu,

Billi:

(1) Meta att għandu jiġi adottat mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata, għandu jiġi vverifikat li l-Istati Membri li jikkostitwixxu l-maġġoranza kwalifikata jirrappreżentaw mill-inqas 65 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni.

(2) Dik il-perċentwali tiġi kkalkolata skont iċ-ċifri tal-popolazzjoni stipulati fl-Anness III għar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ("ir-Regoli ta' Proċedura") ([1]).

(3) L-Artikolu 11(6) tar-Regoli ta' Proċedura jipprevedi li, b'effett mill-1 ta' Jannar ta' kull sena, il-Kunsill għandu jemenda ċ-ċifri stipulati f'dak l-Anness, f'konformità mad-data disponibbli għall-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea fit-30 ta' Settembru tas-sena ta' qabel.

(4) Fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, l-Anness III għar-Regoli ta' Proċedura jenħtieġ li jinkludi wkoll iċ-ċifri applikabbli mill-jum wara dak li fih it-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit.

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regoli ta' Proċedura jiġu emendati kif meħtieġ għas-sena 2020.

(6) F'konformità mal-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, l-Artikolu 240 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea japplika għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness III għar-Regoli ta' Proċedura huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS III

ĊIFRI LI JIRRIGWARDAW IL-POPOLAZZJONI TAL-UNJONI U L-POPOLAZZJONI TA' KULL STAT MEMBRU GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IL-VOTAZZJONI B'MAĠĠORANZA KWALIFIKATA FIL-KUNSILL

1. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 16(4) TUE u tal-Artikolu 238(2) u (3) TFUE, il-popolazzjoni tal-Unjoni u l-popolazzjoni ta' kull Stat Membru, kif ukoll il-perċentwali tal-popolazzjoni ta' kull Stat Membru f'paragun mal-popolazzjoni tal-Unjoni, għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2020 sad-data li fiha t-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit jew sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020, għandhom ikunu kif ġej:

Stat Membru	Popolazzjoni	Perċentwali tal-popolazzjoni tal-Unjoni (%)
Ġermanja	82 940 663	16,13
Franza	67 028 048	13,04
Renju Unit	66 647 112	12,96

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35).

Stat Membru	Popolazzjoni	Perċentwali tal-popolazzjoni tal-Unjoni (%)
Italja	61 068 437	11,88
Spanja	46 934 632	9,13
Polonja	37 972 812	7,39
Rumanija	19 405 156	3,77
Netherlands	17 423 013	3,39
Belġju	11 467 923	2,23
Greċja	10 722 287	2,09
Ċekja	10 528 984	2,05
Portugall	10 276 617	2,00
Żvezja	10 243 000	1,99
Ungerija	9 772 756	1,90
Awstrija	8 842 000	1,72
Bulgarija	7 000 039	1,36
Danimarka	5 799 763	1,13
Finlandja	5 512 119	1,07
Slovakkja	5 450 421	1,06
Irlanda	4 904 240	0,95
Kroazja	4 076 246	0,79
Litwanja	2 794 184	0,54
Slovenja	2 080 908	0,40
Latvja	1 919 968	0,37
Estonja	1 324 820	0,26
Ċipru	875 898	0,17
Lussemburgu	612 179	0,12
Malta	493 559	0,10
UE 28	514 117 784	
Livell limitu (65 %)	334 176 560	

2. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 16(4) TUE u tal-Artikolu 238(2) u (3) TFUE, il-popolazzjoni tal-Unjoni u l-popolazzjoni ta' kull Stat Membru, kif ukoll il-perċentwali tal-popolazzjoni ta' kull Stat Membru f'paragun mal-popolazzjoni tal-Unjoni, għall-perijodu mill-jum wara dak li fih it-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit sal-31 ta' Diċembru 2020, għandhom ikunu kif ġej:

Stat Membru	Popolazzjoni	Perċentwali tal-popolazzjoni tal-Unjoni (%)
Ġermanja	82 940 663	18,54
Franza	67 028 048	14,98
Italja	61 068 437	13,65
Spanja	46 934 632	10,49

Stat Membru	Popolazzjoni	Perċentwali tal-popolazzjoni tal-Unjoni (%)
Polonja	37 972 812	8,49
Rumanija	19 405 156	4,34
Netherlands	17 423 013	3,89
Belġju	11 467 923	2,56
Greċja	10 722 287	2,40
Ċekja	10 528 984	2,35
Portugall	10 276 617	2,30
Żvezja	10 243 000	2,29
Ungerija	9 772 756	2,18
Awstrija	8 842 000	1,98
Bulgarija	7 000 039	1,56
Danimarka	5 799 763	1,30
Finlandja	5 512 119	1,23
Slovakkja	5 450 421	1,22
Irlanda	4 904 240	1,10
Kroazja	4 076 246	0,91
Litwanja	2 794 184	0,62
Slovenja	2 080 908	0,47
Latvja	1 919 968	0,43
Estonja	1 324 820	0,30
Ċipru	875 898	0,20
Lussemburgu	612 179	0,14
Malta	493 559	0,11”.
UE 27	447 470 672	
Livell limitu (65 %)	290 855 937	

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2020.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2019.

Għall-Kunsill
Il-President
J. LEPPÄ